KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.5.2005
KUMM(2005) 195 finali

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## Komunikazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet tal-ġustizzja fil-qasam kriminali u l-infurzar tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

**{SEC(2005) 641}**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**Komunikazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet tal-ġustizzja fil-qasam kriminali u l-infurzar tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.**

## 1. INTRODUZZJONI

1. Ippreżentat fl-1999 bħala l-"pedament " tal-kostruzzjoni taż-żona ġudizzjarja Ewopea waqt il-Kunsill Ewropew ta' Tampere, u rikonoxxut fit-test tal-Kostituzzjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku (RR) ra l-karatttru essenzjali tiegħu affermat mill-ġdid fil-programm ta' l-Aja li jgħaqqad l-iżvilupp tiegħu maż-żieda fil-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

2. Qrib il-5 snin wara l-adozzjoni tal-programm ta' rikonoxximent reċiproku mill-Kunsill u l-Kummissjoni, li hu destinat li jimplimenta l-orjentazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere, din il-Komunikazzjoni tfittex li tippreżenta r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar, minn parti waħda, it-tkomplija tax-xogħlijiet ta' implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-RR fid-dawl ta' l-ewwel esperjenzi li diġà nkisbu, u mill-parti l-oħra, l-elementi ta' programm ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

3. Din il-komunikazzjoni tidħol fil-proċeduri ġenerali tal-Kummissjoni ta' elaborazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-programm ta' l-Aja. Waqt li tfassal il-perspettivi ġenerali għall-5 snin li ġejjin (ara SEC(2005)641), din tisħaq b'mod partikulari fuq l-ewwel fażi ta' l-implimentazzjoni (2005-2007), anki jekk taf li se tkun meħtieġa reviżjoni f'nofs il-perkors se jsir meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni. Bara minn hekk, il-programm ta' l-Aja, billi kien insista fuq l-importanza ta' l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-prinċipji politiċi, ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet mwettqa għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni u jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għal bidliet fil-prijoritajiet identifikati.

## 2. IT-TMEXXIJA TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TAR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

4. L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-RR kienet għal ftit snin waħda mill-oqsma prinċipali ta' attività ta' l-Unjoni Ewropea fil-kamp tal-ġustizzja kriminali, u bla dubju waħda mill-aktar promettenti. Wara aktar minn erba' snin ta' applikazzjoni tal-programm adottat f'Diċembru 2000, madwar nofs il-miżuri maħsuba taw lok għal atti leġislattivi adottati jew li għandhom jiġu adottati. Madankollu, fost dawn, hu biss fil-każ tad-deċiżjoni-kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u fil-każ tal-proċeduri ta' tnaqqis tas-sentenza[1] li l-perijodu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-leġislazzjonijiet nazzjonali diġà skada.

[1] ĠU L 190 tat-18.7.2002, p. 1.

5. Din il-komunikazzjoni hi bbażata fuq l-aspetti tal-programm ta' l-RR li għadhom ma ġewx implimentati, bil-ħsieb li tfassal mill-ġdid il-prijoritajiet tas-snin li ġejjin fid-dawl ta' l-orjentazzjonijiet tal-programm ta' l-Aja, u ta' analiżi ta' l-ewwel reazzjonijiet miksuba.

## 2.1. Ir-rikonoxximent reċiproku fil-fażi preliminari tal-proċess kriminali

### *2.1.1. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-ġabra ta' l-evidenza*[2]

6. Il-Programm ta' l-Aja jitlob lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposta dwar il-mandat għall-kisba ta' l-evidenza qabel l-aħħar ta' l-2005. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni-kwadru dwar l-iffriżar tal-fondi[3], dan it-test huwa l-ewwel stadju importanti għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-RR fil-fażi tar-riċerka ta' l-evidenza li tiġi qabel il-proċess kriminali. Il-mandat għall-kisba ta' l-evidenza, madankollu, mhux se jkopri s-sensiela kollha ta' provi meħtieġa. Investigazzjonijiet bħal interrogazzjonijiet ta' suspettati, xhieda, esperti, jew it-twaqqif ta' sorveljanza ta' kontijiet bankarji jew ta' linji telefoniċi għandhom ukoll ikunu jistgħu jiġu inklużi fl-istrumenti ta' l-RR. L-obbjettiv finali hu li jinħoloq strument leġislattiv uniku li jiffaċilita r-riċerka ta' l-evidenza kriminali, tkun xi tkun, fit-territorju ta' l-Unjoni. Skond il-Kummissjoni, l-applikazzjoni f'dan il-qasam tal-prinċipju ta' l-RR għandha twassal sabiex tħalli l-kontroll ta' l-investigazzjonijiet għall-Istat ta' ħruġ, peress li d-deċiżjoni għall-kisba ta' tali jew tali element ta' prova ma tkunx tista' terġa' ssir fl-Istat Membru ta' l-eżekuzzjoni. Hi b'mod partikulari għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni tirrakkomanda li jiġi abbandunat il-prinċipju ta' l-inkriminazzjoni doppja fl-oqsma kollha relatati mar-riċerka għall-evidenza. Għal dak li jikkonċerna l-metodi tal-kisba ta' l-evidenza, ir-regoli nazzjonali applikabbli f'kull Stat Membru għat-tip ta' investigazzjonijiet partikolari, għandhom jiġu rispettati, bil-possibbiltà ta' l-applikazzjoni, diġà prevista mill-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, mill-Istat Membru ta' l-eżekuzzjoni ta' ċerti formalitajiet jew proċeduri indikati espressament mill-Istat Mambru ta' ħruġ. Fl-aħħarnett, l-adozzjoni ta' elementi minimi ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-ġabra ta' l-evidenza (ara hawn taħt 3.1.1.2.) għandha tgħin sabiex tagħmel mezz li l-elementi ta' l-evidenza miksuba legalment fit-territorju ta' Stat Membru jistgħu jiġu utilizzati quddiem il-qrati ta' Stati Membri oħra.

7. L-estensjoni tal-prinċipju ta' l-RR għall-qasam kollu tar-riċerka tal-provi għandu jwassal għall-mistoqsija dwar il-futur tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-għajnuna ġudizzjarja reċiproka fil-qasam kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[4] u tal-Protokoll tagħha ta' l-2001[5] li, barra minn hekk, għadhom ma daħlux fis-seħħ, minħabba f'numru insuffiċjenti ta' ratifiki. Flimkien mat-twaqqif ta' strument golbali ta' rikonoxximent reċiproku għall-kisba ta' l-evidenza, wieħed għandu jikkunsidra l-irranġar mill-ġdid tal-format tal-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ strumenti wara d-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni fil-forma ta' liġi jew ta' liġi-kwadru Ewopew.

---

[2] Ara wkoll dwar dan is-suġġett il-*Green Paper* tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni kriminali ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ħolqien ta' prosekutur pubbliku COM (2001) 715 finali tal-11.12.2001.

[3] ĠU L 196 tat-2.03.2003, p.45 ; limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni 2 ta' Awwissu 2005

[4] ĠU C 197 tat-12.07.2000

[5] ĠU C 326 tal-21.11.2001

8. Man-numru ta’ diffikultajiet identifikati, għandhom jiġu nnutati wkoll id-differenzi bejn il-kompetenzi rispettivi ta’ l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk tal-pulizija fl-Istati Membri. Minħabba f’hekk, il-limiti tal-kooperazzjoni ta’ bejniethom jistgħu ma jkunux daqstant ċari, peress li, anki jekk huma kumplimentari, jobdu regoli differenti. Il-Kummissjoni għandha tifformula proposti fl-okkazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta’ l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam kriminali.

*2.1.2. Ir-rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta’ kontroll ta’ qabel il-kawża li ma jneħħux il-libertà*

9. F’Awissu 2004, il-Kummissjoni ppubblikat *Green Paper* dwar l-RR tal-miżuri ta’ kontroll ta’ qabel il-kawża li ma jneħħux il-libertà[6]. Billi r-rikors eċċessiv għad-detenzjoni provviżorja hu wieħed mill-kawżi għall-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs, u li s-soluzzjonijiet alternattivi li jeżistu fil-liġi nazzjonali ħafna drabi ma jistgħux jiġu implimentati meta l-persuna tkun toqgħod fi Stat Membru ieħor, il-*Green Paper* jaħseb għal soluzzjonijiet differenti. Skond il-konsultazzjoni maħsuba, il-Kummissjoni għandha tifformula proposti leġislattivi fl-2005.

## 2.2. Ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet definittivi

10. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ l-RR jimplika li l-eżistenza ta’ deċiżjoni definittiva fl-Istat Membru għandu serje ta’ konsegwenzi fl-Istati Membri l-oħra. Minbarra l-Mandat ta’ Arrest Ewropew, żewġ aspetti partikulari ta’ din il-kwistjoni diġà ġew trattati fil-proposti tad-deċiżjoni-kwadru dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ l-RR dwar is-sanzjonijiet ta’ flus[7], u tad-deċiżjonijiet ta’ konfiska[8]. Madankollu, bosta aspetti fundamentali għad iridu jiġu eżaminati.

*2.2.1. L’informazzjoni reċiproka dwar il-kundanni*

11. L-RR tal-kundanni tiddependi l-ewwelnett fuq ċirkulazzjoni tajba bejn l-Istati Membri ta’ l-informazzjonijiet dwar dawn il-kundanni. Il-programm ta’ l-Aja, li ħa idea li kienet diġà tidher fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004, stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti "bil-ħsieb li jiġi intensifikat l-iskambju ta’ informazzjoni li joħorġu mir-reġistri nazzjonali tal-kundanni u l-iskwalifiki, b’mod partikulari dawk dwar id-delinkwenti sesswali, sabiex il-Kunsill ikun jista’ jadottahom għall-aħħar ta’ l-2005 ". F'Jannar 2005, il-Kummissjoni adottat *White Paper* li tanalizza d-diffikultajiet ewlenin ta' l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali, u li tifformula proposti għall-ħolqien ta' sistema informatizzata ta' skambju ta' informazzjoni. Fl-2005, wara l-ewwel diskussjonijiet tal-Kunsill dwar dan is-suġġett, għandhom jiġu ppreżentati proposti.

*2.2.2. Il-prinċipju ta’ ne bis in idem*

12. Skond l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea, l-ebda persuna ma tista’ terġa’ tkun ipproċessata jew punita fi proċeduri kriminali għal reat li tiegħu tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fi ħdan l-Unjoni b’sentenza li daħlet in ġuridikat skond il-liġi. Il-Karta tkabbar il-kamp ta’

6 COM (2004) 562 finali.
7 ĠU L 76 tat-22.03.2005 p.16
8 ĠU C 184 tal-2.08.2002

applikazzjoni territorjali tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* għat-territorju kollu ta' l-Unjoni, li jikkostitwixxi progress meta mqabbel mal-Protokoll Nru. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) li kien japplika biss fit-territorju ta' kull Stat Membru.

13. Dan il-prinċipju ta lok għal deċiżjonijiet importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet[9] li tippreċiża l-limiti tagħha fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' applikazzjoni tal-ftehim ta' Schengen li tafferma u tfassal diġà l-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikoli 54 sa 58 tagħha. L-ewwel ħidma ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* seħħu fuq il-bażi ta' inizzjattiva ppreżentata mill-Greċja[10]. Din ġiet sospiża minħabba fir-rabta tagħha mill-qrib mal-problema tal-kunflitti tal-kompetenza (ara hawn taħt). Dawn iż-żewġ kwistjonijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' *Green Paper* fl-2005, u mbagħad ta' proposta leġislattiva fl-2006.

*2.2.3. It-teħid f'kunsiderazzjoni tal-kundanni ta' l-Istati Membri l-oħra fil-proċeduri kriminali*

14. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, l-eżistenza ta' kundanni kriminali anterjuri għandha effetti fuq il-proċeduri kriminali ġodda: is-sitwazzjoni ta' reċidiv jista' per eżempju jinfluwenza r-regoli ta' proċedura applikabbli, il-kwalifika kriminali mogħtija jew, b'mod aktar frekwenti, jimmodifika n-natura u l-kwantum tal-piena. Il-Kummissjoni għada kif iddepożitat proposta għal deċiżjoni-kwadru dwar it-teħid f'kunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' kundanna fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li bħala regola ġenerali tipprovdi li kull Stat Membru jagħti lil kundanna ppronunċjata fi Stat Membru ieħor l-istess effetti għal kundanna nazzjonali anterjuri u tippreċiża ċerti metodi ta' applikazzjoni ta' din ir-regola. Tali prinċipju ta' rikonoxximent tar-reċidività kien fil-fatt diġà ġie affermat fid-deċiżjoni-kwadru tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni ta' l-Euro[11]. Dan it-test il-ġdid għandu jikkostitwixxi kontribuzzjoni importanti għad-dispożizzjoni ta' l-RR tad-deċiżjonijiet finali.

*2.2.4. L-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' kundanna*

15. Kundanna ppronunċjata fl-Istat Membru għandha tkun tista' tiġi eżegwita fit-territorju kollu ta' l-Unjoni. F'April 2004, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar l-avviċinament, l-RR u l-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fuq il-bażi ta' *Green Paper*[12]. L-Awstrija, l-Iżvezja u l-Finlandja ddepożitaw inizzjattiva li tfittex li tippermetti l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru tan-nazzjonalità jew tar-residenza ta' kundanna għal piena ta' ħabs ippronunċjata fi Stat Membru ieħor. Dan it-test għandu wkoll jiffaċilita l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-mandat ta' arrest Ewropew li jawtorizzaw ir-rifjut għal trasferiment meta l-piena tkun ġiet eżegwita fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

---

[9] Każijiet C-187/01 u C-385/01 Gozütok u Brugge, tal-11 ta' Frar 2003, Każijiet C-469/03 *Miraglia* tal-10.03.2005

[10] ĠU C 100 tat-26.04.2003, p.24.

[11] ĠU L 329/3, ta' l-14.12.2001 p.3

[12] COM (2004) 334 finali.

16. Dan ma jitħolx madankollu la fil-kwistjoni ta' eżekuzzjoni ta' miżuri li ma jneħħux il-libertà, lanqas dik tas-sentenzi sospiżi u tal-kondizzjonijiet eventwali tar-revoka tagħha permezz ta' piena mogħtija fi Stat Membru ieħor. Dawn il-kwistjonijiet se jwasslu għal proposti leġislattivi mill-Kummissjoni fl-2007.

*2.2.5. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' l-iskwalifiki*

17. Il-kundanni kriminali ħafna drabi jwasslu għal skwalifiki ta' drittijiet (id-dritt li wieħed jaħdem mat-tfal, li wieħed jitfa' tender għal kuntratti tal-gvern, li wieħed isuq ...) li skond l-Istati Membri jirriżultaw kemm minn dispożizzjonijiet legali, kemm minn deċiżjonijiet ġudizzjarji, kemm ta' natura amministrattiva. Din il-kwistjoni hi partikularment delikata, kemm minħabba fil-karattru ferm differenti ta' dawn l-iskwalifiki, u tad-diffikultajiet ta' ċirkolazzjoni ta' l-informazzjoni dwarhom. L-ewwel progressi importanti jistgħu jitwettqu meta tiġi assigurata ċirkolazzjoni tajba ta' l-informazzjoni dwar il-kundanni permezz tat-twaqqif tas-sistema komputerizzata ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tirrakkomanda l-adozzjoni, f'dan is-settur, ta' avviċinament settorjali, għal kull tip ta' infrazzjoni kriminali, u għandha tippreżenta komunikazzjoni dwar dan is-suġġett fl-2005. Il-Belġju diġà ppreżenta f'Novembru 2004, inizzjattiva dwar l-RR ta' l-iskwalifiki mix-xogħol ma' tfal wara kundanni dwar pornografija tat-tfal. Ix-xogħol settorjali għandu jissokta fl-2006, bi proposta dwar l-RR ta' l-iskwalifiki tad-dritt għas-sewqan.

## 3. L-INFURZAR TAL-FIDUĊJA REĊIPROKA

18. L-infurzar tal-fiduċja reċiproka hi ċ-ċavetta għat-tħaddim tajjeb ta' l-RR. Dan hu wieħed mill-messaġġi importanti tal-programm ta' l-Aja u jimplika minn parti azzjoni leġislattiva li tfittex li tassigura livell elevat ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni fit-territorju ta' l-UE, u mill-parti l-oħra, serje ta' azzjonijiet prattiċi biex il-professjonisti tal-ġustizzja jfittxu li jinforzaw fit-territorju tagħhom is-sentiment ta' qsim ta' □kultura ġudizzjarja komuni□.

### 3.1. L-infurzar tal-fiduċja reċiproka permezz ta' miżuri leġislattivi

19. L-ewwel applikazzjonijiet tal-prinċipju ta' l-RR, b'mod partikulari bil-mandat ta' arrest Ewropew, żvelaw serje ta' diffikultajiet li jistgħu jiġu parzjalment riżolti permezz ta' l-adozzjoni, fuq livell ta' l-Unjoni, ta' miżuri leġislattivi ta' armonizzazzjoni. Dawn jistgħu jiġu mibnija madwar żewġ linji: Minn parti tassigura lilha nnifisha li d-deċiżjonijiet ta' ġustizzja li huma s-suġġett ta' l-RR jirrispondu għal *standards* elevati f'termini ta' garanziji tad-drittijiet tal-persuni, mill-parti l-oħra tassigura lilha nnifisha li l-qrati li jippronunċjaw dawn id-deċiżjonijiet kienu fil-fatt dawk li setgħu l-aħjar jippronunċjawhom. L-approfondiment ta' l-RR jista' wkoll jimplika kunsiderazzjoni akbar dwar ċerti miżuri ta' avviċinament tal-leġislazzjoni tad-dritt penali materjali.

### *3.1.1. L-armonizzazzjoni tal-liġi tal-proċedura kriminali*

3.1.1.1. Titjib tal-garanziji fil-proċeduri kriminali

20. F'April 2004, il-Kummissjoni ddepożitat proposta għal deċiżjoni-kwadru dwar ċerti drittijiet proċedurali mogħtija fl-ambitu tal-proċeduri kriminali fl-Unjoni Ewropea[13]. Din tfittex li tassigura li l-persuni kkonċernati fil-proċeduri kriminali jibbenefikaw mid-drittijiet minimi definiti u identifikati fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni, fil-qasam ta' l-aċċess għall-avukat u għat-tradutturi interpreti, tad-dritt għall-komunikazzjoni, b'mod partikulari ma' l-awtoritajiet konsulari, ta' informazzjoni dwar id-drittijiet, u ta' protezzjoni tal-persuni vunnerabbli. Il-Kunsill Ewropew talab l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni-kwadru qabel l-aħħar ta' l-2005.

21. Dan m'hu xejn ħlief l-ewwel stadju. Ix-xogħlijiet f'dan il-qasam għandhom jitkomplew fis-snin li ġejjin u għandhom jikkostitwixxu akkompanjament permanenti għall-iżvilupp ta' l-RR. Tliet oqsma għandhom b'mod partikulari jkunu s-suġġett tax-xogħlijiet: il-preżunzjoni ta' l-innoċenza, il-ġabra ta' l-evidenza kriminali, id-deċiżjonijiet *in absentia*[14]. Għal kull waħda minn dawn it-temi, xogħol importanti ta' analiżi u ta' konsultazzjoni preliminari għandu jsir kemm mal-25 Stat Membru, kif ukoll mal-professjonisti tal-ġustizzja kriminali bil-ħsieb li jiġu identifikati d-diffikultajiet u s-soluzzjonijiet maħsuba billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni t-tradizzjonijiet ġuridiċi ta' l-Istati Membri.

3.1.1.2. L-infurzar tal-preżunzjoni ta' innoċenza.

22. Il-preżunzjoni ta' innoċenza tikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti essenzjali tal-liġi kriminali. Asserita fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) u pprovduta fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, din teżisti fl-Istati Membri kollha, iżda ma tkoprix l-istess kunċetti kullimkien. Il-Kummissjoni għandha tippubblika *Green Paper* dwar dan is-suġġett fl-2005, bil-ħsieb li tgħaraf il-kontenut ta' din in-nozjoni, li teżamina l-infurzar tagħha u d-determinazzjoni tal-limiti eventwali tagħha.

3.1.1.3. L-elaborazzjoni ta' normi minimi fil-qasam tal-ġbir ta' l-evidenza

23. L-azzjoni ġudizzjarja transkonfinali timplika li elementi tal-prova miġbura fi Stat Membru jistgħu jiġu wżati fi Stat membru ieħor. Ir-rispett tad-drittijiet għad-difiża jimplika madankollu li ċerti regoli minimi dwar il-ġbir ta' l-evidenza għandhom jiġu rispettati f'kull parti ta' l-Unjoni. Fuq il-bażi ta' studju[15], il-Kummissjoni għandha tippubblika fl-2006 *Green Paper* li tipproponi armonizzazzjoni minima ta' l-*istandards* dwar il-ġbir u l-firxa tal-provi, għall-kriterji ta' l-ammissibilità fil-qorti, u għall-eventwali eċċezzjonijiet maħsuba.

---

[13] COM (2004) 328 finali.

[14] Ara wkoll dwar dan is-suġġett il-*Green Paper* tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni kriminali ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ħolqien ta' prosekutur pubbliku COM (2001) 715 finali tal-11.12.2001.

[15] Study of the laws of evidence in criminal proceedings throughout the EU October 2004

24. Wara konsultazzjoni fil-fond fuq il-bażi ta’ żewġ *Green Papers* msemmija hawn isfel, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal deċiżjoni-kwadru dwar il-preżunzjoni ta’ l-innoċenza u n-normi minimi fil-qasam tal-ġbir tal-provi.

3.1.1.4. Is-sorveljar tad-deċiżjonijiet *in absentia*

25. Il-kwistjoni tad-deċiżjonijiet *in absentia* ta’ spiss kienet is-suġġett ta’ dibattiti fl-UE u ta’ spiss tiġi lura fl-istrumenti varji adottati. Fil-prattika, din tagħti wkoll lok għal diskussjoni u l-esperjenza, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem, juru li din tqajjem diffikultajiet. Fl-2006, il-Kummissjoni għandha tipproponi *Green Paper* li tista’ tiġi segwita minn proposti leġislattivi bil-ħsieb li jingħelbu d-diffikultajiet imsemmija u li tiġi nfurzata s-sigurtà ġuridika.

3.1.1.5. L-assigurazzjoni tat-trasparenza għal dak li jikkonċerna l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti

26. Fil-qasam kriminali, meta bosta Stati Membri huma kompetenti fil-każ għall-istess kawża, l-investigazzjonijiet u l-proċeduri jistgħu jitmexxew fl-istess ħin minn kull wieħed minnhom. Dawn il-proċeduri multipli jistgħu jeffettwaw b’mod serju d-drittijiet tal-persuni u l-effikaċità ta’ l-azzjoni penali. It-twaqqif ta’ proċedura li tippermetti li jiġi ddeterminat il-post l-aktar xieraq għat-tmexxija tal-proċeduri qed issir dejjem aktar meħtieġa, u għandha tikkostitwixxi element essenzjali sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' rikonoxximent reċiproku. Din għandha fil-fatt tiffaċilita t-tiftix għall-evidenza fl-istadju ta’ qabel is-sentenza (l-Istati Membri kienu ftiehmu minn qabel dwar il-post ta’ dan, li għandu jiddetermina wkoll il-liġi applikabbli) kif ukoll l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni finali (l-Istati Membru kienu rrikonoxxew minn qabel li l-kawża kienet ġiet deċiża mill-post l-aktar xieraq). Din għandha wkoll tikkontribwixxi sabiex tevita l-każijiet fejn il-prinċipju ta’ *ne bis in idem* jkun japplika.

27. Fl-2005, il-Kummissjoni għandha tippreżenta *Green Paper* dwar il-kunflitti bejn il-kompetenzi u l-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li, mingħajr ma jmissu l-mekkaniżmi nazzjonali tad-determinazzjoni tal-kompetenza ġudizzjarja, għandha tipproponi soluzzjonijiet sabiex issolvi l-kunflitti tal-ġurisdizzjoni fl-Unjoni Ewropea, billi tieħu f’kunsiderazzjoni b’mod partikulari tar-rwol ta’ l-Eurojust skond l-Artikolu III-273 tal-Kostituzzjoni u tat-talbiet magħmula mill-Programm ta’ l-Aja dwar dan il-punt.

*3.1.2. It-tmexxija ta’ l-avviċinament tal-liġi kriminali materjali*

28. F’dan il-qasam, xogħol importanti ta’ avviċinament twettaq fis-snin li għaddew. Dan għandu jitmexxa bil-ħsieb ta' l-interess fil-promozzjoni fuq livell ta' l-Unjoni tat-tipi ta' sanzjoniijiet aktar diversi, li ma jistriħx biss fuq il-pieni ta' ħabs. L-enfażi għandha wkoll titpoġġa minn parti fuq l-evalwazzjoni ta’ l-implimentazzjoni ta’ strumenti adottati fejn l-ewwel riżultati huma diżappuntanti, u mill-parti l-oħra dwar it-tħaddim tal-mekkaniżmu tal-lista pożittiva ta’ infrazzjonijiet li twassal għat-tneħħija tal-kontroll ta’ l-inkriminazzjoni doppja fl-istrumenti tal-RR sabiex, sa fejn hu possibbli, tirrimedja għad-diffikultajiet identifikati eventwali.

29. L-ewwel riflessjonijiet fir-rigward għall-ħtieġa li jiġu definiti fuq l-livell ta’ l-Unjoni, kunċetti bħar-responsabbiltà tal-persuni morali, jew l-avviċinament ta' l-għoti ta’

multi kienu ġew żviluppati fil-*Green Paper* dwar is-sanzjonijiet. l-Kummissjoni għandha tiddepożita, wara l-*Green Paper*, proposta għal deċiżjoni-kwadru, fl-2007.

## 3.2. L-infurzar tal-fiduċja reċiproka permezz ta' miżuri prattiċi ta' akkumpanjament

### *3.2.1. L-infurzar tal-makkaniżmi ta' evalwazzjoni*

30. Il-Kunsill Ewropew enfasizza li "l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni u ta' l-effetti ta' kull miżura hi indispensabbli sabiex l-Unjoni tkun effikaċi. L-iżviluppi futuri tal-prinċipju ta' l-RR fil-qasam kriminali għandhom effettivament fil-futur ikunu marbuta mill-qrib ma' makkaniżmi ta' evalwazzjoni. Dawn għandhom jippermettu li jintlaħqu żewġ għanijiet metodoloġiċi, li huma distinti mill-verifika tat-traspożizzjoni korretta u fil-perijodu ta' żmien preskritt ta' l-atti adottati mill-Unjoni.

– li jevalwa l-ħtiġijiet konkreti tal-ġustizzja, b'mod partikulari li jidentifika liema huma l-ostakli potenzjali, qabel l-adozzjoni ta' strumenti ġodda; u

– li jevalwa l-kondizzjonijiet prattiċi speċifiċi ta' l-implimentazzjoni ta' strumenti adottati mill-UE, partikularment il-best practice u b'mod partikulari l-mod kif dawn iwieġbu għall-ħtiġijiet identifikati fil-fażi preliminari.

Dawn iż-żewġ għanijiet għandhom ikunu applikati fl-istrumenti kollha. Dawn jeħtieġu infurzar ta' l-għodod ta' analiżi tal-prattiki ġudizzjarji li tiddisponi minnhom il-Kummissjoni.

31. It-tielet għan, dak li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni aktar ġenerali tal-kondizzjonijiet li fihom huma elaborati d-deċiżjonijiet tal-ġustizzja sabiex tiġi assigurat li dawn iwieġbu għal *standards* ta' kwalità elevata li jippermettu li tiġi infurzata l-fiduċja reċiproka bejn is-sistemi ġudizzjarji, li mingħajra l-RR ma tkunx tista' taħdem, jissoponi azzjoni aktar globali u aktar fit-tul. Il-Programm ta' l-Aja jafferma l-prinċipju li "il-fiduċja reċiproka għandha tkun ibbażata fuq iċ-ċertezza li ċ-ċittadini Ewropej kollha għandhom aċċess għal sistema ġudizzjarja li tissodisfa l-eżiġenzi tal-kwalità l-aktar elevata, u jitlob it-twaqqif ta' sistema ta' evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni tal-prinċipji politiċi ta' l-UE li, fl-istess ħin, tirrispetta b'mod sħiħ l-indipendenza tal-poter ġudizzjarju". Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka permezz taċ-ċertezza li s-sistemi ġudizzjarji li jipproduċu deċiżjonijiet li jistgħu jiġu infurzati fit-territorju kollu ta' l-Unjoni jirrispettaw *standards* ta' kwalità elevata, din l-evalwazzjoni għandha tippermetti li s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali jinftiehmu fil-globalità tagħhom. Il-kredibilità u l-effikaċità ta' sistema ġudizzjarja għandhom ikunu s-suġġett ta' apprezzament ġenerali, dwar il-mekkaniżmi istituzzjonali kif ukoll dwar l-aspetti proċedurali. Din hi ċertament proċedura delikata li għandha tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif ukoll l-indipendenza tal-ġudikatura. Dan l-eżerċizzju għandu jippermetti l-produzzjoni ta' rapporti regolari, elaborati skond kriterji stretti ta' indipendenza u trasparenza, li jenfasizza l-prattiki tajba.

32. Fi Frar 2005, il-Parlament Ewopew adotta rakkomandazzjoni dwar dan is-suġġett[16], u, wara diskussjoni mill-qrib ma' l-organizzazzjoniijiet u l-istituzzjonijiet ġudizzjarji, il-Kummissjoni fl-2006 elaborat komunikazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-kwalità tal-ġustizzja.

*3.2.2. Il-favorixximent tat-tqegħid f'network tal-professjonisti tal-ġustizzja u l-iżvilupp tal-formazzjoni ġudizzjarja*

33. Il-Programm ta' l-Aja jinsisti fuq l-importanza li titjieb il-komprensjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u s-sistemi ġudizzjarji differenti. Għal dan l-għan, dan jirrakkomanda, l-ewwel nett, li jiġu żviluppati *networks* ta' organizzazzjonijiet u ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji bħan-*network* tal-Kunsilli Superjuri tal-maġistratura u n-*network* Ewropew tal-Qrati ta' Kassazzjoni li magħhom il-Kummissjoni tixtieq tiżviluppa relazzjonijiet mill-qrib. Bis-saħħa ta' laqgħat aktar spissi bejn il-professjonisti, u billi tiġi ffavorita r-riflessjoni b'mod partikulari dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-Unjoni u tat-temi ta' preokkupazzjoni transversali bħall-kwalità tal-ġustizzja, tali *networks*, li għandhom jinkludu wkoll l-avukati, għandhom ikollhom rwol ċentrali fil-formazzjoni progressiva ta' kultura ġudizzjarja komuni.

34. It-tieni, il-Programm ta' l-Aja jinsisti fuq l-importanza tat-taħriġ sabiex jiġi ffavorit l-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka. Fuq talba tal-Parlament Ewopew, il-Kummissjoni waqqfet mill-2004, flimkien mal-Programm AGIS, programm ta' skambju indirizzat lill-ġudikanti, fil-qafas ta' proġett pilota. Dan il-Programm għandu jitkompla fl-2005 u għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni fl-2006 qabel ma jsiru proposti.

35. L-iżvilupp tal-prinċipju ta' l-RR għandu bħala konsegwenza li jagħti lid-deċiżjonijiet ġudizzjarja impatt li jmur lilhinn ħafna mill-fruntieri nazzjonali. Bħala konsegwenza, id-dimensjoni Ewropea tal-funzjoni ġudizzjarja għandha tkun integrata b'mod sħiħ fil-kors tal-formazzjoni, fl-istadji kollha tal-karriera ta' l-imħallfin u tal-prosekuturi. It-taħriġ ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji jistrieħ fuq entitajiet nazzjonali responsabbli mill-organizzazzjoni tiegħu u mid-determinazzjoni tal-kontenut tat-taħriġ. Dawn huma magħqudin fi gruppi fi ħdan *network* li llum jaħdem f'forma ta' assoċjazzjoni. Il-Programm ta' l-Aja jinsisti fuq l-importanza li jiġi nfurzat dan in-*network* sabiex issir struttura effikaċi ta' laqgħat u ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Wara konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fl-aħħar tas-sena 2005, komunikazzjoni dwar it-taħriġ ġudizzjarju fl-Unjoni Ewopea.

*3.2.3. L-appoġġ għal żvilupp ta' ġustizzja ta' kwalità*

36. Għall-perspettivi finanzjarji 2007-2012 li jmiss, il-Kummissjoni ddepożitat tliet proposti ta' programmi ta' azzjoni li jimkludu programm speċifiku dwar il-ġustizzja kriminali. Dan il-programm għandu jinforza mill-ġdid is-sostenn ta' l-Unjoni għall-kooperazjoni ġudizzjarja, għall-iżvilupp tal-RR u għall-infurzar mill-ġdid tal-Fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dan għandu, b'mod partikulari, l-għan li jiffavorixxi l-kuntatti u l-iskambji bejn il-pratikanti, li jinforza mill-ġdid il-formazzjonali ġudizzjarja, u li jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini.

---

16 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lejn il-Kunsill dwar il-kwalità tal-ġustizzja kriminali u l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni kriminali fl-Istati Membri: A6-0036/2005